

Brussell, 14 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10665/23
ADD 1

POLCOM 118
USA 40

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 327 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tar-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim mal-Istati Uniti tal-Amerika dwar it-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali ta' minerali kritiċi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 327 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2023) 327 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.6.2023
COM(2023) 327 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim mal-Istati Uniti tal-Amerika dwar it-tisħiħ
tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali ta' minerali kritiċi**

ANNEX

DIRETTIVI GĦAN-NEGOZJAR TA' FTEHIM MAL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA DWAR IT-TISĦIĦ TAL-KTAJJEN TAL-PROVVISTA INTERNAZZJONALI TA' MINERALI KRITIĊI

Natura u Ambitu tal-Ftehim

1. Jenħtieġ li l-ftehim ikun fih dispożizzjonijiet dwar it-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali ta' minerali kritiċi u setturi relatati.
2. Il-Ftehim għandu jkun konsistenti bis-sħiħ mal-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") u ma' ftehimiet internazzjonali oħra konklużi mill-Unjoni Ewropea jew mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha.

Għanijiet

3. Jenħtieġ li l-Ftehim isaħħaħ il-kummerċ u d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali ta' minerali kritiċi u jippromwovi l-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-batteriji tal-vetturi elettriċi billi jifformalizza l-impenn kondiviż tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Uniti tal-Amerka biex jiffaċilitaw il-kummerċ, jippromwovu kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet orjentati lejn is-suq għall-kummerċ f'minerali kritiċi, jiżguraw standards tax-xogħol u ambjentali robusti relatati mal-kummerċ fil-ktajjen tal-provvista ta' minerali kritiċi, u jikkooperaw fl-isforzi biex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista tal-minerali kritiċi siguri, sostenibbli u ekwi.

Kontenut tal-Ftehim

4. Jenħtieġ li l-Ftehim ikun fih dispożizzjonijiet dwar it-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali ta' minerali kritiċi, b'hekk ikun jipprevedi għal impenji reċiproki fejn jidħol kummerċ, xogħol u ambjent.

Aspetti ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ

5. Jenħtieġ li l-Ftehim jiffaċilita l-kummerċ, jespandi l-aċċess għal sorsi ta' minerali kritiċi li huma sostenibbli, fdati u ħielsa minn abbużi mill-ħaddiema, u jippromwovi kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet orjentati lejn is-suq għall-kummerċ f'minerali kritiċi.
6. Jenħtieġ li l-Ftehim ikollu l-għan li jibni fehim kondiviż ta' politiki u prattiki distorsivi mhux tas-suq f'minerali kritiċi, kif ukoll f'setturi relatati oħra u jiżviluppa azzjoni koordinata biex titrawwem id-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista, jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet, u jitneħħew ir-riskji tad-dipendenzi strateġiċi.

Kunsiderazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà

7. Jeħtieġ li l-Ftehim jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fil-ħidma li għaddejja inkluż dwar standards internazzjonali għall-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja, l-estrazzjoni, it-tikkettar u r-riċiklaġġ tal-minerali kritiċi bil-ħsieb li jiġu appoġġati ktajjen ta' provvista sostenibbli.
8. Jenħtieġ li l-Ftehim jippromwovi livelli għoljin ta' protezzjoni ambjentali fir-rigward ta' minerali kritiċi u jrawwem it-titjib tal-livelli ta' protezzjoni ambjentali fir-rigward taċ-ċiklu tal-ħajja tal-minerali kritiċi u l-kummerċ f'minerali kritiċi.
9. Jenħtieġ li l-Ftehim jenfasizza r-rwol importanti li l-ftehimiet ambjentali multilaterali għandhom fil-protezzjoni tal-ambjent, inkluż dawk relatati mal-impatti ambjentali

miċ-ċiklu tal-ħajja ta' minerali kritiċi, u l-importanza tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ambjentali multilaterali rilevanti.

10. Jenħtieġ li l-Ftehim jinkoraġġixxi miżuri li jippromwovu approċċi aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u tal-ekonomija ċirkolari biex titnaqqas id-domanda għall-estrazzjoni ta' minerali kritiċi u għall-proċessi relatati, u l-impatt ambjentali tagħhom.

Aspetti fejn jidħlu ħaddiema

11. Jenħtieġ li l-Ftehim jikkonferma l-intenzjoni taż-żewġ naħat li jadottaw u jżommu d-drittijiet tal-ħaddiema fil-liġijiet u l-prattiki tagħhom u li jżommu politiki li huma meqjusa xierqa biex jipproteġu lill-ħaddiema fis-settur tal-minerali kritiċi kontra kwalunkwe diskriminazzjoni fl-impjieg f'konformità mal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.
12. Jenħtieġ li l-Ftehim jirrikonoxxi l-importanza tal-kooperazzjoni bħala mekkaniżmu biex jitmexxew 'il quddiem għanijiet komuni rigward id-drittijiet tax-xogħol fl-estrazzjoni u l-ipproċessar tal-minerali kritiċi.
13. Jenħtieġ li l-Ftehim jirrikonoxxi l-importanza li ssir konsultazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati dwar il-politika kummerċjali relatata mal-ktajjen tal-provvista tal-minerali kritiċi, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, ambjentali u tan-negozju, ir-rappreżentanti tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Aspetti internazzjonali

14. Jenħtieġ li l-Ftehim jirrikonoxxi l-importanza ta' sforzi bilaterali u plurilaterali kontinwi biex jissaħħu ktajjen tal-provvista sostenibbli u ekwi permezz ta' standards komuni fost l-alleati u s-sħab. Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka ser jikkooperaw bilateralment u f'fora plurilaterali, kif xieraq, fir-rigward tal-isforzi biex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista ta' minerali kritiċi siguri, sostenibbli u ekwi.